**Laqgha Numru 09/K6/2010**

**Introduzzjoni**

Id-Disa' Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2010 li saret nhar it-Tnejn 29 ta' Marzu 2010.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit u l-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat u Joe Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Il-Kunsillier Lauro Fava kien skuzat filwaqt li l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien assenti minhabba li ma lahaqx wasal fil-hin izda wasal ezatt kif is-Sindku Joe Zammit iddikjara l-laqgha maghluqa.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie pubblikat fis-27 ta' Marzu 2010. L-Agenda kienet:

**01. Approvazzjoni tal-Financial Statements kif emendati mill-Udituri**

## 01. Approvazzjoni tal-Financial Statements kif emendati mill-Udituri.

1.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill l-ahhar Financial Statements ippreparati mill-Accountant tal-Kunsill Romina Perici Ferrante u kif emendati mill-Udituri Lokali. **(Ara dokument A)**

1.02. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Financial Statements kif sottomessi.

1.03. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

1.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

1.05. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat talbet li l-Accountant tal-Kunsill ghandha taghti spjegazzjoni lill-Kunsill ghala kien hemm bzonn li jsiru dawn l-emendi mill-Udituri meta hija suppost persuna professjonali u li ghalhekk huwa mistenni minnha li tipprovdi l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kif suppost.

1.06. Is-Sindku Joe Zammit ghalaq il-laqgha fil-5.40pm wara li l-kelliem fakkar lill-Kunsill li l-laqgha li jmiss ser issir nhar l-Erbgha 28 ta' April 2010 fil-5.30 pm.

| Joe Zammit | Kevin Borg |
|---|---|
| ***Sindku*** | ***Segretarju Ezekuttiv*** |